MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 15/2025-9**

**It-Tnejn, 23 ta' Ġunju 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**PREŻENTI b'mod virtwali:**

N/A

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

N/A

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġija.

15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

15.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 14/2025-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

15.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

15.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 14/2025-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-Sindku nforma lil membri li rigward Skema SPI/SCI/07/2025 – Komminitajiet aktar b'saħħithom qal li peress li f'laqgħa preċedenti kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob taħt din l-iskema sabiex jitranġa il-ġnien pubbliku fi Triq il-Wied, minflok issir applikazzjoni għar-riġenerazzjoni ta' Triq iċ-Ċaqra u z-zona tal-belvedere. Din hi stmata li ser tiġi tiswa €131,090.96 fejn il-Kunsill jista' jingħata sa massimu ta' €100,000 u għalhekk il-membri qablu ma din il-proposta.

15.3.2 Is-Sindku nforma lil membri li r-Reġjun Għawdex ser ikun qed jorganizza serata ta' Għana f'Marsalforn.

15.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu li peress li x-xogħol fil-lokalita' qiegħed ftit lura, is-servizz tal-*bulky* jibda' jingħata dabtejn fil-ġimgħa minflok tlett darbiet.

15.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

15.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Cordinai*

15.4.1.1 Informa lil membri li il-passaġġ li mill-Bajja ta' Taħt ix-Xifer iwasslek għal Bajja tal-Qbajjar qed iżomm l-ilma bil-konsegwenza li qed irabbi l-ħass. Għal dan il-għan

propona u l-membri qablu sabiex issir trinka biex jgħaddi l-ilma u jsir 2 tarġiet ħalli l-bajja tkun tista' tiġi aċċessata mill-passaġġ. Dan ix-xogħol għandu jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

15.4.1.2 Propona u l-membri qablu sabiex jitnaddaf il-passaġġ mas-sies ta' Abram u jitwaħħal railing ta' l-injam għal aktar sigurtà.

15.4.1.3 Talab sabiex fejn qabel kien hemm l-iskips fi Triq l-Imgħallem jinbena l-ħajt sabiex ma jibqax jinġarr aktar ħamrija għal dik il-wesgħa. Qal li ġebel u materjal hemm diġà u għalhekk il-membri qablu li jiġi provdut biss bennej.

15.4.1.4 Talab skuża lil membri preżenti li fl-aħħar zewġ laqgħat ma setax jattendi minħabba ċirkustanzi li ma kellhux kontroll fuqhom. Kompla jgħid li ġie nfurmat minn terzi li hemm xniegħa li mhux qed jagħti appoġġ lis-Sindku. Iddikjara li minn naħħa tiegħu s-Sindku ser jibqa' jsib l-appoġġ kontinwu sa l-aħħar tal-leġislatura.

15.4.1.5 Talab sabiex jinqatgħu l-friegħi tas-siġra li hemm ħerġin il-barra mill-ħajt fi Triq il-Ponta.

15.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

15.4.2.1 Talbet jekk inġabitx kwotazzjoni għal bankina tal-pjazza tas-Sur L. Zahra. Il-Sindku nfurmha li nġabet kwotazzjoni u l-bankina tlestiet. Ġibdet l-attenzjoni li fil-futur l-ewwel għandha titressaq kwotazzjoni u imbagħad jipproċedu x-xogħolijiet. Is-Sindku wiegeb li din il-prassi ntuzat fil-legislaturi precidenti.

15.4.2.2 Staqsiet x'ġara rigward il-kisi ta' parti minn Triq il-Ponta. Is-Sindku nfurmha li kellu laqgħa mal-WSC fejn huma ser japplikaw għal LA u ser jassumu huma l-ispejjes għas-servizzi ta' l-ilma. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil membri li ser tkun qed tgħaddi kollox għal approvazzjoni tad-DLG minħabba li ser ikun hemm varjazzjoni fl-offerta peress li minflok ser tiġi miksija kollha bil-konkos.

15.4.2.3 Staqsiet fiex waslet il-latrina tal-Qbajjar Promenade. Is-Sindku nfurmaha li s-Seg. Ezekuttiv ser tkun qed tressaq il-kwotazzjonijiet miġbura għal mogħdija tad-dawl u l-ilma f'materji oħra.

15.4.2.4 Staqsiet jekk il-parkeġġi fi Triq ix-Xagħra ġewx miżbugħa. Is-Sindku nfurmha li issa lesta x-xogħol tat-trinka li għamel il-kuntrattur. Il-Viċi Sindku qal li issa l-parkeġġi qedgħin miżbugħa tajjeb għax inzebgħu parkeġġi man-naħħa tal-ġnien.

15.4.2.5 Staqsiet jekk hix ser issir it-tiġrija taz-zwiemel. Is-Sindku nfurmha li l-Kunsill irċieva mill-Cultural Funds office li l-Kunsill ser ikun qed jingħata €5,000 minn dan il-fond. Kompla jgħid li l-Kunsill emenda l-applikazzjoni u għalhekk qed nistennew risposta mingħandhom f'dan ir-rigward sabiex għalinqas il-Kunsill jingħata €10,000 bħal Kunsilli oħra. Qal ukoll li l-Kunsill ser jitlob l-għajnuna tal-MAFA. Il-

Viċi Sindku qal li ltaqa' mal-Ministru Anton Refalo u wera ix-xewqa li jixtieq jgħin f'din l-organizazzjoni. Is-Sindku informa lill-membri preżenti, li kif ġa approvat fil-laqgħa oħra tal-kunsill, it-tiġrija se tkun organizzat bħas-snin preċedenti fi Triq l-Imgħallem, u bħala organizzatur ġie inkarigat John Cefai. L-istess Cefai se jkun huwa responsabbli mill-kitba taż-żwiemel u se jkun il-punt ta' kuntatt mas-sidien taż-żwiemel u anke mill-premijiet.

15.7.2.6 Ġibdet l-attenzjoni sabiex jinqata' l-ħaxix li hemm fid-daħla tar-raħal jiġifieri minn fejn iċ-ċimiterju 'l fuq. Il-Viċi Sindku propona li jiġu avviċinati l-għaqdiet u naraw min hu nteressat li jaqtgħu.

15.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

15.4.3.1 Talab u l-membri qablu sabiex jinqata' l-buzbiez minn Triq ta' Tuttiet. Il-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jagħmlu dan ix-xogħol.

15.4.3.2 Talab sabiex terġa tinqata' s-siġra li hemm ħierġa l-barra fi Triq Għajn Mhelhel. Il-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jagħmlu dan ix-xogħol.

15.4.3.3 Talab sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa f'diversi bankini f'Marsalforn speċjalment fejn hemm il-kurduni mtajra. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

15.5 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

15.5.3.1 Talab sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa l-islipway tal-Qbajjar. Is-Sindku nfurmah li din l-islipway ser issir minn Infrastructure Malta. Is-Seg. Ezekuttiv infurmatu li ħadd qatt ma ġibed l-attenzjoni li għandha bżonn manutenzjoni u li rat ħafna drabi nies jużaw l-islipway mingħajr problemi. Barra minhekk infurmatu li ma jista' jsir ebda xogħol mingħajr il-permessi meħtieġa. Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini proponiet li ssir talba lil Infrastructure Malta għal soluzzjoni temporanja. Il-membri qablu.

## 15.5 Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Statements (Quarter 1)

L-accountant tal-Kunsill inqagħad mal-kamra permezz ta' kollegament telefoniku fil-5.05 ta' filgħaxija.
Ta' spjega lil membri rigward il-qadgħa finanzjarja tal-Kunsill fejn qal li bħala dħul u ħruġ fuq natura rikkorenti hemm -€1,600. Kompla jgħid li dan mhux ammont kbir però baqgħet tiżdied il-problema tad-dejn. Qal li l-Kunsill ser isib problema ukoll minħabba t-tnaqqis fl-allokazzjoni fuq l-iskart. Qal li hemm tnaqqis ta' madwar €60K/€70K. Dan poġġa lil Kunsill f'qadgħa ħażina ħafna. Fir-realta' il-DLG naqqas ħafna aktar mill-allokazzjoni kemm mill-fatt kienet tkun l-ispiza.

Esiġa li d-dejn ser jibqa' jiżdied jekk ma jitnaqqsux l-ispejjes. Fakkar ukoll li din is-sena hemm l-arretrati tal-pagi tal-ħaddiema Klerikali u għalhekk il-Q2 hu mistenni li jkolli FSI negattiv ukoll. Is-Sindku qal li mhux talli hemm dawn l-arretrati talli mill-allokazzjoni tnaqqsu wkoll €3000 mill-fondi amministrattivi. Il-membri ħadu nota ta' l-ispjegazzjoni ta' l-account u rringrazzjawh. L-accountant ħareġ mill-kollegament telefoniku fil-5.10 ta' filgħaxija.

## 15.6 Materji oħra

15.6.1 Talba sabiex isir naqra siment fin-nizla ta' Għar Qawqla peress li jekk jinqala' xi inċident ma tinżilx ambulanza minħabba tarġa li hemm. Il-membri qablu li ssir.

15.6.2 Talba mingħand D. Dimech sabiex isir sinjal temporanju fi Triq il-Mitħna quddiem għalqa ħalli jkun jista' jikser b'makkinarju goff sakemm jibni. Il-membri qablu.

15.6.3 Talba mingħand E. Bezzina sabiex titnaddaf rampa li hemm fil-parkeġġ ta' Marsalforn u li tagħti għal għalqa tiegħu. Il-membri qablu.

15.6.4 Talba minn nies li jagħmlu uzu mis-sellum li hemm fl-islipway tax-Xwejni sabiex is-sellum jimxi għan-naħħa l-ohra ħalli ma jintlaqatx bid-dgħajjes. Il-membri qablu li l-Kunsill jipprova jwaħħlu n-naħħa l-oħra s-Sajf li ġej.

15.6.5 Talba sabiex teħel tabella fejn is-supermarkets fi Triq il-Qbajjar sabiex it-trakkijiet tat-tgħabija ma jħallux it-trakkijiet imqabbda waqt li jkunu jħottu x-xogħol.

15.6.6 Il-proposta sabiex isisir il-water culvert fi Triq Skapuċċina. Is-Seg. Ezekuttiv reġgħet infurmat lil membri li r-resident għadu jistenna risposta. Il-membri qablu li jittieħdu r-ritratti sabiex ikollhom stampa aktar ċara fejn ser jintefa' l-ilma.

15.6.7 Talba mingħand E. Paulsen sabiex issir bankina fi Triq il-Luzzu u tiġi mtarġa mill-bidu tat-triq. Il-membri qablu li jiltaqgħu fuq il-post.

15.6.8 Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lil membri li d-DLG talbu lil Kunsill sabiex jibgħatilhom il-General Ledger Transactions minħabba l-FSI negattiv.

15.6.9 Ittra mill-PA rigwrd appell fuq PA/01234/25. Il-membri nnotaw il-kontenut.

15.6.10 Talba mingħand A. Camilleri sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq tal-Kanun peress li ma jgħaddux zewġ karozzi. Il-membri qablu peress li fejn ser isiru s-sinjali huwa ta' A. Camilleri stess.

15.6.11 M7/25 – G Bajada sabiex isiru *double yellow lines* quddiem l-entratura Tonama Flats Triq ta' Barda. Il-membri ma qablux peress li hemm bankina u sabiex ma jinħoloqx preċedenti.

15.6.12 Z6/25 – M Saliba sabiex teħel tabella tad-*dead end* f'Wied l-Infern. Il-membri qablu.

15.6.13 Z7/25 – V Rapa sabiex terġa teħel il-mera tat-traffiu fi Triq Wied l-Infern fil-kantuniera peress li kienet insterqet. Il-membri qablu.

*Il-Kunsillier Nicky Saliba ħareġ mill-kamra fil-5.20 ta' filgħaxija wara li skuża ruħu li kellu jitlaq.*

15.6.14 Talba mis-Sezzjoni ta' l-Armar fejn talbu lil Kunsill sabiex jagħmel 9 toqbiet għal brazzi li jintramaw fil-Festa. Is-Seg. Ezekuttiv fakkrithom li l-FSI tal-Kunsill hu fin-negattiv u għalhekk il-membri qablu li dan ix-xogħol m'għandhux jaqbeż is-€600.

15.6.15 Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lil membri li l-PABX qdiemet u qed ikun hemm problemi fil-linji tat-telefone tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv preżentat kwotazzjoni mill-Go plc għal sistema ġdida ta' PABX u li tgħaqqad l-uffiċċju ta' Marsalforn ma dak taz-Zebbug. Il-membri qablu li għandha ssir talba lid-DLG għal għajnuna f'dan ir-rigward kif ukoll tinġibed l-attenzjoni tagħhom sabiex il-Kunsill jiġi *refunded* l-ispejjes ta' l-internet għal WIFI4EU.

15.6.16 Sit fi Triq il-Lampuka. Inġibdet l-attenzjoni li fuq il-permess tal-PA hemm miktub mod waqt li fuq is-sit hemm miktub mod ieħor. Il-membri nnotaw il-kontenut però ddikjaraw li l-Kunsill qatt ma daħal f'applikazzjonijiet tal-PA.

15.6.17 M8/25 – F Borg sabiex titranġa l-bankina quddiem 18, Triq Għar Qawqla. Il-membri qablu li jintbgħat il-ħaddiem tal-Kunsill.

15.6.18 Talba mir-Reġjun t'Għawdex sabiex il-Kunsill jospita' għal nofs ta' nhar tfal mill-Ukraina. Il-membri qablu.

15.6.19 Talba mill-Iskola Primarja taz-Zebbuġ sabiex il-Kunsill jgħin fl-organizazzjoni u l-loġistika ta' l-end of year activity. Il-membri qablu li l-Kunsill ma jistax jgħin bħalissa minħabba l-qadgħa finanzjarja tiegħu.

15.6.20 Is-Seg. Ezekuttiv issottomettiet 3 kwotazzjonijiet għax-xogħol ta' *electrical & plumbing Works* għal latrina tal-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li għandha tintagħzel l-irħas offerta dik ta' Patrick Camilleri.

15.6.21 Talba mill-Alive & Bistro Bar għandha permess biex tpoġġi imwejjed u siġġijiet barra u għalhekk talab li jinzebgħu s-sinjali. Il-membri qablu li kaz bħal dan għandu jgħaddi għand Transport Malta.

15.6.22 Is-Seg. Ezekuttiv infurmat li s-Swimming Zone tal-Bajja ta' Taħt ix-Xifer ġiet imwaħħla u l-ħaxix fi Triq Wied l-Abjad ġie ukoll maqtugħ. Kien hemm qbil li għal dan ix-xogħol l-Għaqda tan-Nar tiġi mħallsa €3,000.

**15.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 12/2025 għall-perjodu ta' Ġunju 2025 li tammonta għal €68,232.46 ġiet approvata mill-membri preżenti.

**15.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.30 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 21 ta' Lulju 2025 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv